

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.1.2009  
KUMM(2008) 899 finali

2006/0258 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI  
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE**

**li tikkonċerna**

**il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill dwar statistiċi dwar il-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI  
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE**

**li tikkonċerna**

**il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill dwar statistiċi dwar il-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti**

**1. SFOND**

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill (dokument COM(2006)778 finali – 2006/0258 (COD))	11 ta' Diċembru 2006.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	11 ta' Lulju 2007.
Data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	12 ta' Marzu 2008.
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni:	20 ta' Novembru 2008.

**2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI**

Ir-Regolament propost joħloq qafas legali u jstabbilixxi regoli armonizzati għall-ġbir u t-tixrid ta' statistiċi dwar il-bejgħ u l-użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti. B'mod partikulari, jstabbilixxi regoli għal:

- frekwenza tal-ġbir tad-dejta (annwalment għall-bejgħ – kull 5 snin għall-użu);
- metodi tal-ġbir tad-dejta, bi flessibilità konsiderevoli mogħtija lill-iStati Membri;
- il-format u l-perjodiċità tal-obligazzjonijiet ta' rappurtaġġ, li jistgħu jkunu speċifikati fid-dettall mill-Kummissjoni bl-użu tal-proċedura ta' komitoloġija.

Dan ir-Regolament li jikkonċerna statistiċi dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti huwa parti minn pakkett leġiżlattiv li jinkludi il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf struttura għal azzjoni Komunitarja sabiex jinstab użu sostenibbli tal-pestiċidi (COM(2006) 373 finali) u l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti (COM(2006) 388 finali), li qegħdin ikunu eżaminati taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni (Kunsill AGRI).

**3. RIMARKI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI**

**3.1 Kummenti ġenerali**

Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2008. Il-Kummissjoni aċċettat bis-sħiħ, parzjalment jew fil-prinċipju 12 mis-26 emenda proposti mill-

Parlament Ewropew fl-ewwel qari tiegħu. Ħamsa minn dawn it-12-il emenda huma diġa riflessi, mill-anqas parzjalment, fil-pożizzjoni komuni.

Il-Kummissjoni aċċettat l-emendi, bis-sħiħ, fil-prinċipju jew parzjalment, li jistgħu jikkjarifikaw jew itejbu l-proposta tal-Kummissjoni. Dawn jinkludu modifiki li jispjegaw il-kriterji ta' kwalità għal statistiċi uffċjali u l-ambitu tal-kunfidenzjalità, jagħtu deskrizzjoni aktar ċara tal-għanijiet tal-proposta, filwaqt li joħolqu kollegament aktar espliċitu mal-proposti leġiżlattivi għal strateġija tematika dwar pestiċidi, b'mod partikulari mar-Regolament għall-ħruġ fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' obligazzjonijiet ta' rappurtaġġ u r-reviżjoni tal-lista ta' prodotti. Il-Kummissjoni esprimiet pożizzjoni ta' riserva dwar l-estensjoni tal-ambitu għall-bijoċidi.

Il-Kummissjoni ċaħdet b'mod kategoriku l-emendi kkunsidrati żejda jew li joħolqu kunflitt mad-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar statistika tal-Komunità<sup>1</sup> u r-regoli tas-Sistema Ewropea tal-Istatistiċi jew dawk teknikament mhux possibli, prematuri jew li huma ta' piż bla bżonn mill-aspett amministrattiv u għall-konvenuti.

Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni komuni ma tibdilx l-approċċ jew l-għanijiet tal-Proposta u għaldaqstant tista' tappoġġaha hekk kif inhi.

### **3.2. Kummenti dettaljati**

#### *3.2.1. Emendi Parlamentari aċċettati mill-Kummissjoni u inkorporati bis-sħiħ, parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni komuni*

L-emendi **5, 10, 13, 18, u 32** ġew inkorporati, bi kliem daqxejn differenti, fil-pożizzjoni komuni. L-emenda **5**, aċċettata bis-sħiħ mill-Kummissjoni, tagħmel l-għanijiet tar-Regolament aktar espliċiti u kienet inkorporata bis-sħiħ fil-pożizzjoni komuni tal-Kunsill. Il-kollegament stabbilit mad-Direttiva ta' Qafas dwar l-użu sostenibbli ta' pestiċidi mill-emenda **10**, li tikkjarifika l-għanijiet tal-proposta, ġiet ikkonfermata mill-Kunsill, imma strettament limitata għall-Artikolu 14 tad-Direttiva. It-tliet inċiżi tal-emenda 10, inkluża l-aħħar waħda dwar ir-reġistrazzjoni taċ-ċirkolazzjoni ta' sustanzi, li ma kinitx aċċettabbli mill-Kummissjoni, ma ġewx milqugħa mill-Kunsill. L-emenda **13**, aċċettata bis-sħiħ mill-Kummissjoni, tgħaqqad il-proposta mar-Regolament propost dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, b'referenza ċara għall-obbligazzjonijiet ta' rappurtaġġ li tinkludi fiha. Din l-emenda kienet miżmuma kważi mingħajr tibdil fil-pożizzjoni komuni. L-emenda **18** dwar il-kunfidenzjalità tal-protezzjoni tad-dejta u l-limitazzjonijiet tal-użu tad-dejta għal skopijiet ta' statistika kienet aċċettabbli fil-prinċipju għall-Kummissjoni u kienet inkorporata b'tibdil żgħir fil-pożizzjoni komuni. L-emenda **32** dwar il-kontenut tar-rapport mill-Kummissjoni għall-Parlament, li kienet aċċettata bis-sħiħ mill-Kummissjoni, kienet aċċettata fil-prinċipju mill-Kunsill.

#### *3.2.2. Emendi Parlamentari rrifjutati mill-Kummissjoni iżda mdaħħla bis-sħiħ, parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni komuni*

L-ebda.

---

<sup>1</sup> ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

### 3.2.3. *Emendi Parlamentari aċċettati bis-sħiħ, parzjalment jew fil-prinċipju mill-Kummissjoni iżda mhux inkorporati fil-pożizzjoni komuni*

L-emendi **3, 6, 11, 12, 19, 30 u 33** huma parzjalment aċċettati jew aċċettati fil-prinċipju mill-Kummissjoni, iżda mhumiex inkorporati. It-tliet emendi **6, 11, u 33** dwar l-inklużjoni tal-inqas parzjali ta' prodotti bijoċidali fl-ambitu tal-proposta u t-tibdil sussegwenti tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti bħala pestiċidi. Il-Kummissjoni aċċettat l-estensjoni suġġetta għal qbil mal-Parlament dwar programm realistiku. Din l-estensjoni ma kinitx aċċettata mill-Kunsill. L-emendi **3 u 30** dwar standards għal statistiċi uffiċjali kienu t-tnejn miċħuda mill-Kunsill, li minflok introduċa premessa (8(a)) ġdida u artikolu (3(a)) dwar l-argument. L-emenda **12**, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kollegament mar-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, kienet ikkunsidrata ta' piż żejjed u miċħuda mill-Kunsill. L-emenda **19**, li ssejjaħ għal reviżjoni regolari tal-lista ta' sustanzi inklużi fl-Anness III mill-Kummissjoni, ma kinitx aċċettata mill-Kunsill, li ppropona approċċ aktar flessibbli fl-Artikolu 4(2)(a) il-ġdid.

### 3.2.4. *Emendi Parlamentari rrifjutati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill u mhux inkorporati fil-pożizzjoni komuni*

L-emendi **1, 7, 8, 21, 22, 26, u 34** li kellhom l-għan li jestendu l-ambitu tar-Regolament għas-setturi ta' produzzjoni u importazzjoni-esportazzjoni, għal użu mhux agrikolu u għal bijoċidi. L-emendi **14, 16, 25, 28 u 31** kienu meqjusa konfliġġenti mar-regoli tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Kunsill. L-emendi **15 u 23** li jstabbilixxu obligazzjonijiet ta' rappurtaġġ għall-produtturi u dawk responsabbli għall-ħruġ fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti kienu kkunsidrati li jesporgu fuq obligazzjonijiet simili fir-Regolament dwar it-Tqegħid fis-Suq. Dawn l-emendi ma kinux inklużi fil-pożizzjoni komuni.

Dwar l-estensjoni tal-ambitu tar-Regolament għall-prodotti bijoċidali kif propost mill-Parlament, il-Kummissjoni kienet konxja mid-diffikultà sabiex jiġu inklużi dawn il-prodotti dak iż-żmien u hija tal-opinjoni li programm realistiku għal din l-estensjoni għandu jiġi miftiehem mingħajr ma tiġi ffissata l-ebda data ta' għeluq preċiża fir-Regolament. Il-possibilità sabiex jiġi estiż l-ambitu tar-Regolament tiddependi ħafna fuq il-progress tal-programm ta' reviżjoni għall-bioċidi, li għalih għadha ma ġiet stabbilita l-ebda skeda. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi b'mod sħiħ l-importanza tal-prodotti bijoċidali u diġà bdiet valutazzjoni speċifika dwar l-impatt tagħhom fl-istrateġija tematika dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. Skont ir-riżultati tal-istima tal-impatt, miżuri speċifiċi għandhom jiġu rakkomandati sabiex tiġi mkejla l-importanza tal-użu ta' dawn il-prodotti. Iżda, f'dan l-istadju l-Kummissjoni ma tistax tippresumi jekk approċċ speċifiku ta' statistika huwiex ser ikun irrakkomandat jew jekk ikunux biżżejjed miżuri standard ta' rappurtaġġ. Għaldaqstant, il-kwistjoni tal-bioċidi għandha titqies apparti mill-kwistjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.

### 3.2.5. *Bidliet li għamel il-Kunsill lill-Proposta*

Il-Kunsill ippropona l-bidliet addizzjonali ewlenin li ġejjin lill-proposta tal-Kummissjoni:

**Il-valutazzjoni tal-kwalità** Il-Kunsill daħħal Artikolu 3a ġdid dwar il-valutazzjoni tal-kwalità.

L-aspetti tal-valutazzjoni tal-kwalità kienu diġà inklużi fatti oħra bażiċi dwar statistiċi<sup>2</sup>. Il-Kummissjoni tista' ssostni din il-kjarifika dwar ir-regoli għall-valutazzjoni tal-kwalità.

**Miżuri ta' implimentazzjoni:** L-Artikolu introdott mill-Kunsill dwar il-valutazzjoni ta' kwalità huwa pjuttost speċifiku. Għaldaqstant ir-referenza għall-proċedura ta' komitoloġija għar-rapporti ta' kwalità u miżuri ta' rappurtaġġ tħassret. It-test dwar l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-definizzjoni ta' 'żona ttrattata' tmexxa mill-Anness II għall-Artikolu 4. It-test dwar il-possibilità għall-Kummissjoni li temenda l-klassifikazzjoni armonizzata tmexxa mill-Anness III għall-Artikolu 4, u s-soluzzjoni proposta mill-Kunsill hija aktar flessibbli mir-reviżjoni regolari proposta mill-Parlament (emenda 19). Il-Kummissjoni tista' ssostni din il-kjarifika u s-simplifikazzjoni dwar il-miżuri implimentattivi.

**Ir-rappurtaġġ dwar il-ġbir ta' dejta dwar l-użu:** Il-Kunsill għażel illi jagħti marġinu wiesa' ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri sabiex jagħżlu il-kultivazzjonijiet li jkunu inklużi, u stabilixxa limiti ġodda għall-ġbir ta' dejta dwar l-użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti fl-Anness II. Il-kumbinazzjonijiet ta' rekwiżiti dwar ir-rappreżentazzjoni ta' kultivazzjonijiet u s-sustanzi użati b'referenza għall-pjanijiet t'azzjoni nazzjonali mwettqa mill-Istati Membri taħt l-istrateġija tematika dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi tista' toffri garanziji suffiċjenti li r-rappurtaġġ ikun suffiċjenti u jippermettu tqabbil tajjeb tar-riżultati bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, fl-istqarrija tar-raġunijiet tiegħu, il-Kunsill jikkunsidra li l-valutazzjoni tar-riżultati tar-Regolament wara ħames snin se tagħmilha possibbli li s-selezzjoni ta' kultivazzjoni tkun modifikata jekk ikun neċessarju. Il-Kummissjoni għalhekk tista' ssostni dan il-kompromess.

**Definizzjonijiet ġodda:** Id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 kienu kemxejn modifikati u definizzjonijiet ġodda miżjuda sabiex jiżguraw aktar konsistenza m'atti oħra bażiċi relatati li jikkonċernaw statistiċi. Il-Kummissjoni taqbel ma' dawn il-bidliet.

**Bidliet oħra:** Barra minn hekk, il-Kunsill neħħa mill-premessi r-riferenzi kollha għall-produzzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti u għall-possibilità t'estensjoni tal-iskop għall-bijoċidi. Il-premessi dwar sussidjarjetà u proporzjonalità kif ukoll dwar il-proċedura ta' komitoloġija ġew miktuba mill-ġdid fil-forma t'abbozz u premissa speċifika dwar it-trażmissjoni tad-dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità ġiet miżjuda. Dawn it-tibdiliet huma konsistenti mal-pożizzjoni ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-ambitu tar-Regolament, għaldaqstant il-Kummissjoni tista' taqbel ma' dawn it-tibdiliet.

#### 4. KONKLUŻJONI

Il-bidliet introdotti mill-pożizzjoni komuni tal-Kunsill huma aċċettabbli għall-Kummissjoni għaliex iwasslu għal kompromess realistiku bejn, minn naħa, il-bżonn għal dejta kredibbli u komparabbli sabiex jitkejjel il-progress lejn użu aktar sostenibbli ta' pestiċidi u r-riduzzjoni tar-riskji u, min-naħa l-oħra, id-diffikultà għal ħafna mill-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' ġbir tad-dejta ġdida u li jiġbru dejta ddettaljata u komparabbli biżżejjed għall-bżonnijiet ta' dan ir-Regolament.

---

<sup>2</sup> Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 t'April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tlett xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità (ĠU L145, 4.6.2008, p. 234)

B'mod ġenerali, il-bidliet tal-Kunsill jibnu fuq il-proposta tal-Kummissjoni u għaldaqstant il-Kummissjoni tista' taċċetta l-pożizzjoni komuni.